# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 26

IT-TNEJN 29 TA' SETTEMBRU 2014 FIS-2.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREZENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE | AGENT SEGRETARJU EZEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-seduta 18, 29 ta' Mejju 2014, Seduta 19, 5 ta' Gunju 2014 u Seduta 20, 23 ta' Gunju 2014 gew moqrija wara li saru xi korrezzjonijiet u wara gew approvati.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is–Sindku Max Zammit tkellem fuq il-Boat Show li ha issir gewwa Ta' Xbiex fid-9 ta' Novembru 2014 qal ukoll li saret Press Conference fuq din l-attivita' fejn iddecidew li jaghmlu Logo tal-Kunsill fuq il-fuljett. Il-hrug tal-permess ghal din l-attivita huwa ta' €21,000 fejn ha jkun hemm skond ta 60% minn naha tal-Kunsill. Is-Sindku Max Zammit zied jghid li ghamel arrangamenti mehtiega sabiex il-Kunsill kollu jkun mistieden ghal din attivita' li d-dhul ha jkun b'xejn.

2.2 Is-Sindku Max Zammit ghamel arrangamenti sabiex il-Kunsill ikun prezenti ghal Rolex Middle Sea Race li ha tigi organizzata min Royal Malta Yacht Club li ha tibda mill- 11 t'Ottubru 2014 sa 27 ta' Ottubru 2014. Is-Sindku Max Zammit qal li bhala rata se tkun l-istess bhas-sena l-ohra. Ghal din l-attivita' huwa importanti li jkun hemm insurance u l-permessi mehtiega kollha min naha tal-pulizija. Is-Sindku Max Zammit qal li huwa mportanti li navzawhom li kif tghaddi din l-attivita' rridu nnadfu l-area li kienu qed juzaw.

2.3 Is-Sindku Max Zammit qal li nhar l-Erbgha 2 ta' Ottubru 2014, sejjer jiltaqa mal-Kumitat fejn se jiddiskutu il-kuntratt tal-'mobile toilets'. Is-Sindku qal li ghandu nformazzjoni minn perit Karl Mifsud Borg li ghandha tinbena kamra, imma hekk dejjem din ma tghaddix mil-board, jixtieq jaghmel extension ghal 3 xhur igifieri jibqghu hemm sa Dicembru 2014.

2.4 Is-Sindku Max Zammit qal li huwa kuntent bil-kennies tal-kuntrattur il-gdid u jidher li qed jidhra imma xorta rridu nafsu aktar fuq certi rkejjen.

2.5 Is-Sindku Max Zammit qal li nhar l-Erbgha 2 ta' Ottubru 2014 bejn 9:30am sa 10:30am ghandu laqgha flimkien ma Agent Segretarju Ezekuttiv Sur Paul Pace mal-Electoral Division rigward it-toroq li jridu jzzomuwhom mar-registru elettorali ta' l-Msida. Huwa qal ukoll li dawn it-toroq jixtieq ihallihom ma Ta' Xbiex ghax hemm hafna dizvantaggi. Se ssir din il-laqgha ghax is-Sindku Max Zammit irrid jaqbez ghad-drittijiet tar-residenti. Huwa ma jixtieqx li dawn jibdew jaghmlu mal-Imsida ghax mar-residenti ghandhom relazzjoni tajba hafna u draw jigu jinqdew mil-Kunsill ta' Ta' Xbiex, aparti minhekk il-propjeta' ha tonqsilhom fil-prezz. Sindku Max Zammit qal ukoll li r-residenti ha tonqsilhom ukoll il-kumdita tal-parkegg kontrollat, ghax l-Imsida m'ghandhomx dan is-servizz. Hu qal li ghalkemm jaqbel mal-Kunsilliera Tony Castelleti u Eugenio Muscat xorta wahda ghalissa ha jiggieled ghat-triq 'Qasam Tal-Bini tal-Gvern' ghax wisq jibza li hekk ha jitlobhom aktar toroq mhux ha jaccetaw u jitlef ukoll din it-triq. Is-Sindku Max Zammit qal li hekk jara li hemm cans li jiehu aktar mil-housing Estate ha jipprova jsaqsi ghat-triq 'Princess Margaret' li suppost qeghda ma' Ta' Xbiex. Hu qal li hekk ikun hemm hin bizejjed sejjer jghid il-kumenti kollha tal-Kunsilliera.

**2.6** Is-Sindku Max Zammit qal li l-IPSL taghwna haddiem iehor igifieri ha jkollna zewg persuni professjonali li jkunu mhallsin minnhom.

**2.7** Is-Sindku Max Zammit tkellem fuq il-progett il-gdid li l-Kunsill bi hsiebu jaghmel rigward l-Embellishment tal-partijiet tal-Housing Estate ta' D1, D2, D3 u D4. Huwa qal li l-Kunsill kien qabbad lil Perit Daniel Camilleri sabiex jaghmel disinji mehtiega ghal dan il-progett.

Is-Sindku Max Zammit resaq fil-laqgha dawn id-disinji flimkien mal- BOQ's li l-istima taghhom telghet ghal € 105,000. Huwa kompla jispjega li parti sostanzjali ta' din is- somma li hija € 87,000 se jigu rifonduti mill- UIF ghaldaqstant il-Kunsill se jkun kwazi kopert fuq dan il-progett.

Il- Kunsill qabel umininament ma dan il-progett u l-amministrazzjoni ghandha tiehu hsieb sabiex sal-laqgha li jmiss tinhareg it-tender ghal dan il-progett.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat irrimarka li l- Kunsill ghal futur ghandu jiehu hsieb li jaghmel Embellishment f'areas ohra gewwa in-naha l-antika ta' Ta' Xbiex u fuq dan il-punt il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti tkellem fit-tul.

Il- Kunsill ha nota u s-Sindku Max Zammit qal li aktar il-quddiem kif il-Kunsill ikollu l-fondi Ewropej jaghmel l-Embellishment mehtiega f'din l-area msemmija.

Ghaldaqstant il-Kunsill qabel uninament li jsir l-Embellishment fuq il-progett tal-Blokk D1, D2, D3 u D4.

## 3 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Is-Sindku Max Zammit resaq ghal approvazzjoni l-lista tal-pagamenti li jridu jigu approvati, il-Kunsill ippropona li jithallsu mit-28 ta' Awwisu 2014 sad-29 ta' Settembru 2014. Wara lill-Kunsilliera raw il-lista li gew klerifikati xi punti mqajjma, l-Kunsill uninament qabel ma dawn il-pagamenti**.**

## 4 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

4.1 Wara li kienet saret diskussjoni fuq il-laqgha li ghandha ssir rigward it-tnehhija ta' parti mir-residneti li joqghodu fil-Qasam Bini tal-Gvern sabiex jigu mdahla fir-Registru Elettorali tal-Imsida, li l-Kunsill qabel uninament li ghandu jopponi, saret diskusjoni fuq il-konfini ta' Ta' Xbiex, kif fil-futur il-Kunsill jixtieq li jigu. Il-Kunsilliera Tony Cachia Castalletti qali li huwa ma jaqbilx mal-kummisjoni li jiehdu hsieb it-tqassim tal-konfini, li dawn jaqbdu u jaqsmu xi distrett partikolari, ghax b' hekk dawn ikunu qeghdin jiksru il-ligi.

Saret diskussjoni twila u sar qbil li s-Sindku Max Zammit flimkien ma' Agent Segretarju Ezekuttiv Paul J. Pace waqt il-laqgha li ha jkollhom, ghandhom jaraw li dawk ir-residenti msemmija fl-e-mejl li ntabet lill-Kunsill ghad-djar tal-Qasam Bini tal-Gvern ghandhom jibqghu fil-konfini ta' Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel li waqt il-laqgha li jmiss is-Sindku ghandu jirraporta ta' xi ntqal u jekk ittiehdux xi decizzjonijiet fuq din il-materjal.

4.3 Is-Sindku Max Zammit qal li flimkien ma l-iskrivana is-Sinjura Anna Micallef se jattendu kors fuq vat certificate li se jigu organizzati mil-Malta Institute Management. Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal lill-Kunsill li peress li huwa membru ma' Malta Institute Management jekk il-Kunsill ghal futur ikollu bzonn xi servizzi m'ghand l-istess Malta Institute Management ikelmuh sabiex jara jekk hu Jkunx jista' jgib prezz ridott ghal dawk li gie offrut il-Kunsill.

4.4 Il-klabb tal-futboll ta' Ta' Xbiex se jorganizza attivita' u qed jirriklama li sejra ssir b'koperazzjoni tal-Kunsill ta' Ta' Xbiex, imma l-Kunsill mhux se johrog l-ebda fondi.

4.5 Il-Kunsill tkellem fuq ir- rampa ta' TA' Xbiex u il-kunsillier Eugenio Muscat qal li hemm bzonn li titwahhal tabella sabiex jigi ikontrolat lis-speed tal-karozzi, peress li xi sewwieqa kienu qeghdin jabbuzaw fis-sewqan f'din ir-rampa. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandha titwahhal tabella fejn fiha ikun hemm indikazzjoni li lis-speed limit ikun ta' 30.

4.6 Il- Vici Sindku Ronald Portelli gibed l-attenzjoni sabiex in-notice board li l-Kunsill ghandu fit-Triq il- Watar mal-blokk B2 ghandha tigi irrangata u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jgib kwotazzjonijiet ghal din in-notice board.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-Kunsill ghandu ukoll jara li jkun hemm Notice board tal-Kunsill fejn il-knisja, Huwa qal li f'kull notice board li l-Kunsill ghandu jkun hemm signage li jindikaw li huma tal-Kunsill.

4.7 Il-Kunsill kellu talba minghand is-sinjura Vanessa Sammut li toqghod Florida Mansions sabiex tigi mhallsa s-somma ta' €230 bhala spejjez li hija kellha taghmel minhabba xoghlijiet relatat mad-dranagg, peress li ma setghux issibu il-kaxxa tal-inspection minhabba li din kienet moghttija mil-kuntrattur tal-Kunsill meta zmien ilu, madwar 10 snin kienet saret it- Triq, li gew moghttija bit-tarmak.Saret diskussjoni fejn il-Kunsillier Eugenio Muscat ma qabilx imma il-kumplament tal-Kunsill qabel li ghandhom ihalsuwha, biex ma joholqux precident.

4.8 Il-Kunsill tkellem fuq l-e-mejl li rcieva mil- Primary Health Care fejn xtaqu jaghmlu meeting maghna biex niddiskuti xi bzonnijiet hemm fil-berga. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra fejn jinghat li hemm bzonn li fil-berga jkollna facilita' biex it-tabib jkun jista jaghmel visita lill-pazjenti, tinxtara magna tat-test taz-zokkor, kif ukoll issir toilet bl-akkomodzjoni ghal persuni b'dizabilita'.

4.9 Is-Sindku tkellem fuq dik l-e-mejl li rcevejna minghand Insurance rigward dik is-sigra li waqghet fuq 2 karozzi. Il-Kunsill qabel li dik hija Act of God fejn qabel ukoll li nkelmmu avukat.

4.10 Il-Laqgha spiccat fis- 6.50 ta' filghaxija. Il-Kunsillier Tony Castelletti telaq fis-6 ta' filghaxija minhabba li kellu jmur ghall-medikazzjoni.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv